DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/499

tad-29 ta' Jannar 2024

li taħtar erba' membri u erba' membri supplenti, proposti mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposti tal-Gvern Spanjol,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fit-3 ta' Frar 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/144 ([2]), li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025. Fit-28 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2022/1043 ([3]) li taħtar membru u żewġ membri supplenti proposti mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(3) Konsegwentement għar-riżenji tas-Sur Abel Ramón CABALLERO ÁLVAREZ u s-Sur José María GARCÍA URBANO, u t-tmiem tal-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġew proposti għall-ħatra s-Sur Jorge Antonio AZCÓN NAVARRO u s-Sur Julio MILLÁN MUÑOZ saru vakanti s-siġġijiet ta' erba' membri fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Konsegwentement għar-riżenji tas-Sur Manuel GARCÍA FÉLIX u tas-Sa Noelia María ARROYO HERNÁNDEZ, u t-tmiem tal-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġew proposti għall-ħatra s-Sa Lidia MUÑOZ CÁCERES u s-Sur Óscar PUENTE SANTIAGO, saru vakanti s-siġġijiet ta' erba' membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(5) Il-Gvern Spanjol ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità lokali bħala membri fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025: Is-Sur Jaume COLLBONI CUADRADO, *Alcalde de Barcelona* (Mayor of Barcelona), is-Sa Carolina DARIAS SAN SEBASTIÁN, *Alcaldesa de Las Palmas de Gran Canaria* (Mayor of Las Palmas de Gran Canaria), is-Sa María José GARCÍA-PELAYO JURADO, *Alcaldesa de Jerez de la Frontera* (Mayor of Jerez de la Frontera), u s-Sur José Luis MARTÍNEZ ALMEIDA NAVASQÜÉS, *Alcalde de Madrid* (Mayor of Madrid).

(6) Il-Gvern Spanjol ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità lokali bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025: Is-Sur Xavier GARCÍA ALBIOL, *Alcalde de Badalona* (Mayor of Badalona), is-Sa Gema IGUAL ORTIZ, *Alcaldesa de Santander* (Mayor of Santander), is-Sur Carlos MARTÍNEZ MÍNGUEZ, *Alcalde de Soria* (Mayor of Soria), u s-Sa Inés REY GARCÍA, *Alcaldesa de A Coruña* (Mayor of A Coruña),

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/144 tat-3 ta' Frar 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 32, 4.2.2020, p. 16).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1043 tat-28 ta' Ġunju 2022 li taħtar membru u żewġ membri supplenti, proposti mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 173, 30.6.2022, p. 71).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025:

(a) bħala membri:

— Is-Sur Jaume COLLBONI CUADRADO, *Alcalde de Barcelona* (Mayor of Barcelona),

— Is-Sa Carolina DARIAS SAN SEBASTIÁN, *Alcaldesa de Las Palmas de Gran Canaria* (Mayor of Las Palmas de Gran Canaria),

— Is-Sa María José GARCÍA-PELAYO JURADO, *Alcaldesa de Jerez de la Frontera* (Mayor of Jerez de la Frontera),

— Is-Sur José Luis MARTÍNEZ ALMEIDA NAVASQÜÉS, *Alcalde de Madrid* (Mayor of Madrid),

kif ukoll

(b) bħala membri supplenti:

— Is-Sur Xavier GARCÍA ALBIOL, *Alcalde de Badalona* (Mayor of Badalona),

— Is-Sa Gema IGUAL ORTIZ, *Alcaldesa de Santander* (Mayor of Santander),

— Is-Sur Carlos MARTÍNEZ MÍNGUEZ, *Alcalde de Soria* (Mayor of Soria)

— Is-Sa Inés REY GARCÍA, *Alcaldesa de A Coruña* (Mayor of A Coruña).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2024.

Għall-Kunsill
Il-President
H. LAHBIB